**Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2005**

# RELIĠJON

## IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI

L-iskop u l-għan prinċipali ta' din il-karta ta' l-eżami kien li joħroġ ċar jekk l-istudenti jafu japplikaw għal ħajja ta' kuljum dak li tgħallmu u fehmu fil-lezzjoni tar-reliġjon matul is-sitt sena tal-primarja. Kienet karta qrib l-istudenti fil-kontenut u l-preżentazzjoni tagħha.

Kummenti dwar kull taħriġ.

**A. Imla l-vojt b'dan il-kliem. Kull kelma tista' tużaha darba biss. (10 marki)**

L-istudenti sabu dan l-eżerċizzju faċli u l-maġġoranza tagħhom ġabu l-marki kollha. Dan l-eżercizzju jagħti ideja ġenerali ta' min hu Alla.

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-quddiesa. (15-il marka)**

Dan l-eżerċizzju wera li l-istudenti, għalkemm għandhom tagħrif ta' x'inhi il-Quddiesa, għad m'għandhomx ċar f'moħħhom it-tifsira ta' ċerti kliem li jintuża regolarment mill-għalliema, per eżempju d-differenza bejn Vanġelu u Bibbja, Qrar u Tqarbin (ħafna jaħsbu li waħda tiddependi mill-oħra), Knisja u Quddiesa.

Jidher ukoll ċar li ħafna studenti ma jagħmlux differenza bejn dak li għandu jsir biex nippreparaw għall-quddiesa u dak li jsir fil-Knisja.

**C. Kompli dawn is-sentenzi fuq is-sena tal-Knisja. (20 marka)**

Dan l-eżerċizzju kien magħmul fuq kważi l-lezzjonijiet kollha tas-sillabu tas-sitt sena, is-sena liturġika. It-tfal urew li għandhom tagħrif siewi fuq il-festi kollha u ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru matul is-sena.

Minn dan l-eżerċizzju ħarġu wkoll ċerti diffikultajiet komuni li jgħaddu minnhom l-istudenti.

Numru 2: Ħafna studenti semmew l-istorja tal-Maġi mingħajr ma semmew it-tagħlima li Ġesu' ġie għall-bnedmin kollha.

Numru 3: Ħafna studenti wrew li jafu x'inhi d-diviżjoni fil-Knisja u huma kapaċi jitolbu għall-għaqda tal-Knejjes, iżda ħafna huma dawk l-istudenti li ma jagħmlux differenza bejn separazzjoni tal-Knejjes u Reliġjonijiet.

Numru 8: Ħafna studenti jħawdu lil Alla mal-Missier u ma jikkonsidrawx lil Missier bħala l-Ewwel Persuna tat-Trinità Mqaddsa. Xi whud biex iġibuhom tlieta żiedu l-isem tal-Madonna bħala Alla biex ikollhom tliet persuni.

**D. Daħħal dan il-kliem jew frażijiet biex tkompli s-sentenzi. (10 marki)**

L-istudenti sabu dan l-eżerċizzju faċli ħafna.

Il-konfużjoni li jagħmlu fuq l-aħħar tliet mistoqsijiet (9, 10, 11) ġejja mill-fatt li l-istudenti ma jifhmux il-kliem "Omelija, Kredu u Talba tal-Fidili".

**E. Aqra din is-silta mid-djarju ta' John u wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**

Dan l-eżerċizzju ta' applikazzjoni għall-ħajja bi storja qawwija u sabiħa għoġob ħafna lill-istudenti tant li dawn kienu kapaċi jġibu ħafna marki fih.

Għall-mistoqsija Numru 5 kienu ħafna dawk l-istudenti li minflok ma irrispondew x'għandhom jagħmlu huma, kitbu x'għandhom jagħmlu l-ġenituri tagħhom. Dan jista' jkun ġej min-nuqqas ta' attenzjoni jew minħabba l-fatt li xi istudenti jħarsu lejn il-ħajja b'nuċċali tal-kbar. Għalhekk dawn l-istudenti kitbu dwar x'għandhom jagħmlu l-kbar aktar mill x'għandhom jagħmlu huma stess.

Mistoqsija Numru 3(a) kienet dwar meta għandha ssir il-festa tal-mejtin. Ħafna tweġibiet kienu relatati ma' l-esperjenzi tat-tfal aktar milli meta ssir il-festa tal-Knisja.

**F. Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet: Ħalliel bil-lejl. (15-il marka)**

Il-kandidati sabu dan l-eżerċizzju l-aktar wieħed diffiċli mill-karta kollha.

Eżerċizzju bħal dan iġegħlek taħseb kemm hu diffiċli għat-tfal li jifirdu dak li hu simbolu (xbieha) minn dak li hu t-tagħlim li nieħdu minnha. (Il-mewt li tiġi bħall-ħalliel).

Fit-tweġibiet tagħhom qalu li Ġesù hu l-ħalliel, u li tagħmel ħażin tisraq.Għamlu referenza għall-ħalliel il-ħażin fuq is-salib.

Għad hemm ħafna studenti li jitgħallmu xi ħaġa bl-amment u meta jsibu xi ħaġa li taqbel, idaħħluha fit-tweġibiet tagħhom.

**Ġ. Ġesù għadu jaħdem fid-dinja bis-sagrament. Kompli dawn is-sentenzi fuq il-ħidma ta' Ġesù fis-sagramenti. (5 marki)**

L-istudenti irrispondew tajjeb mistoqsija numru 3 u 4. Dawn il-mistoqsijiet kienu dwar x'jagħmel Ġesù fil-qrar u fit-tqarbin.

Sabuha diffiċli jirrispondu mistoqsija numru 1, 2 u 5 fejn hu l-Ispirtu s-Santu li tana Ġesù li jaħdem f'dawn is-sagramenti. Għall-mistoqsija numru 1 u 5 taw tweġibiet ħżiena, u għall-mistoqsija numru 2 ħafna rrispondew tajjeb għax kitbu li Ġesù għamilna Ulied il-Missier.

**G. Ikteb 10 sentenzi dwar l-Ewkaristija. (15-il marka)**

Milli jidher huma ħafna l-istudenti li jsibuha bi tqila biex jiktbu xi ħaġa fit-tul fuq xi suġġett. Għalkemm kellhom l-għajnuna ta' l-istampi u ta' għaxar mistoqsijiet, ħafna waqfu fuq topic wieħed (irrispondew 3 jew 4 mistoqsijiet biss).

Il-konfużjoni fil-kliem bħal Knisja u Ewkaristija reġgħet kienet komuni f'dan l-eżerċizzju. L-iżbalji jagħtuk l-impressjoni li t-tfal ma jafux x'inhi l-Ewkaristija, min waqqafha, u x'isiru l-Ħobż u l-Inbid. Jidher ukoll li xi kandidati ma jagħtu l-ebda importanza lill-Quddiesa ta' kuljum.

Barra minn hekk wieħed jinnota li kważi ħadd ma rrisponda liema huma l-festi ta' l-Ewkaristija.

## KUMMENT ĠENERALI

Nissuġġerixxu li l-għalliema għandhom jgħinu lit tfal ħalli dawn jidraw jiktbu ċar, jaqtgħu l-iżbalji b'mod pulit, u ma jużawx ħafna kuluri bla bżonn. Fil-kitba l-kandidati għandhom jużaw biss il-kulur blu u/jew iswed.